Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 31 ta' Mejju 2016**
**(OR. en)**

**9588/16**

**PUBLIC 31**
**INF 96**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTITAL-KUNSILL - DIĊEMBRU 2015 |

Dan id-dokument jelenka l-atti adottati mill-Kunsill f'Diċembru 2015.[1] [2]

Dan jagħti informazzjoni dwar l-adozzjoni tal-atti leġislattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza għall-Ġurnal Uffiċjali,
- ir-regoli applikabbli għall-votazzjoni, ir-riżultati tal-votazzjoni u, fejn adatt, l-ispjegazzjonijiet tal-votazzjoni u d-dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill.

1 Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet ta' proċedura, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti bi ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

2 Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta jkun ġie adottat l-att leġislattiv u d-data proprja tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu biss li ġew adottati wara li jiġu ffirmati kemm mill-President tal-Kunsill kif ukoll mill-President tal-Parlament Ewropew u mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

Dan id-dokument fih ukoll informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux leġislattivi li l-Kunsill iddeċieda li jippubblika.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fis-sit elettroniku tal-Kunsill:
Sommarji ta' kull xahar tal-atti tal-Kunsill (atti) - Consilium

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill taħt: Dokumenti u pubblikazzjonijiet - Consilium

Ta' min jinnota li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fis-sit web tal-Kunsill: Minuti tal-Kunsill - Consilium

| INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'NOVEMBRU 2015 | | | |
|---|---|---|---|
| **It-3433 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠUSTIZZJA U AFFARIJIET INTERNI), li saret fi Brussell fit-3 u l-4 ta' Diċembru 2015** | | | |
| ATTI LEĠISLATTIVI | | | |
| ATT | DOKUMENT | REGOLA TA' VOTAZZJONI | VOTAZZJONI |
| Regolament (UE) 2015/2421 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 861/2007 li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar u r-Regolament (KE) Nru 1896/2006 li joħloq proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea<br>ĠU L 341, 24.12.2015, p. 1–13 | 40/15 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, minbarra:<br>Kontra: DE<br>Ma jipparteċipawx: DK |
| Regolament (UE, Euratom) 2015/2422 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea<br>ĠU L 341, 24.12.2015, p. 14-17 | 62/15 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, minbarra:<br>Kontra: UK<br>Astensjoni: BE, NL |
| **Dikjarazzjoni mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill**<br>Fi tmiem il-proċess ta' riforma, il-Qorti Ġenerali ser tikkonsisti minn żewġ Imħallfin għal kull Stat Membru. Għaldaqstant, sabiex tinkiseb ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, li huwa objettiv tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 3 tat-TUE, jinħtieġ li l-gvernijiet tal-Istati Membri, sa fejn ikun l-iżjed possibbli, fil-proċess tal-ħatra tal-kandidati bħala Mħallfin tal-Qorti Ġenerali taħt l-Artikolu 254 TFUE, jiżguraw preżenza ugwali ta' nisa u rġiel. | | | |

| |
|---|
| **Dikjarazzjoni mill-Ġermanja**<br>Il-Ġermanja tilqa' l-fatt li bl-irduppjar tan-numru ta' mħallfin fil-Qorti Ġenerali, tkun qed tiġi implimentata riforma strutturali u sostenibbli li ser tippermetti li jitnaqqas l-ammont eċċessiv ta' xogħol tal-Qorti Ġenerali u ser tiżgura li r-rimedju legali fl-Unjoni Ewropea jiġi garantit fi żmien raġonevoli.<br>Fl-istess ħin, il-Ġermanja hija konxja li ż-żieda fin-numru ta' mħallfin fil-Qorti Ġenerali ser ikollha impatt finanzjarju sinifikanti fuq il-baġit tal-Unjoni. Il-Ġermanja hija impenjata li tiżgura l-kosteffettività tar-riforma u li timminimizza l-impatt baġitarju tagħha u għalhekk tilqa' l-isforzi tal-Qorti biex tevalwa s-sitwazzjoni tal-Qorti Ġenerali f'kull fażi tal-espansjoni tagħha u, fejn xieraq, tagħmel l-aġġustamenti neċessarji għan-nefqa amministrattiva tal-Qorti Ġenerali, iżda mingħajr ma tibdel in-numru ta' mħallfin addizzjonali. Bl-istess mod, il-Ġermanja tappoġġa l-impenn tal-Qorti li ma taħtarx aktar segretarji legali jew persunal ta' appoġġ matul it-tielet fażi f'Settembru 2019 meta n-numru ta' mħallfin ikun żdied b'disa' mħallfin oħra.<br>Sabiex tappoġġa l-finanzjament fit-tul ta' Qorti Ġenerali akbar, il-Ġermanja tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja tieħu l-miżuri adegwati kollha u tikkunsidra, fost l-oħrajn, il-possibbiltà li jiġu introdotti tariffi tal-qorti għal proċedimenti quddiem il-Qrati tal-Unjoni Ewropea. |
| **Dikjarazzjoni mir-Renju Unit**<br>Ir-Renju Unit jagħti importanza kbira lill-funzjonament tajjeb tal-Qrati tal-Unjoni Ewropea. Madankollu, inqisu li huwa essenzjali li kwalunkwe tibdil fl-operat ta’ Istituzzjoni tal-UE jitwettaq bl-aktar mod kost-effettiv. F’mument meta l-Istati Membri qed jeżerċitaw kontroll strett fuq l-infiq pubbliku, ma nqisux li hu xieraq li r-riformi fil-QtĠ-UE jirriżultaw f’talbiet akbar fuq il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri għall-baġit tal-UE. Aħna għalhekk nitolbu li l-Qorti tkompli taħdem biex timmassimizza l-effiċjenza tagħha u tiffranka fejn ikun possibbli. Barra minn hekk, kwalunkwe spiża addizzjonali tal-Istati Membri li tirriżulta miż-żieda fl-imħallfin għandha tinżamm baxxa kemm jista' jkun u tiġi kkumpensata minn iffrankar fil-Qorti fejn hu possibbli. |

| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
|---|---|
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-approċċ integrattiv u komplementari għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti fil-Balkani tal-Punent | 11625/15 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2289 tat-3 ta' Diċembru 2015 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cape Verde dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra għal ċittadini tar-Repubblika ta' Cape Verde u tal-Unjoni Ewropea, fir-rigward tal-adozzjoni ta' linji gwida komuni għall-implimentazzjoni tal-Ftehim<br>ĠU L 323, 9.12.2015, p. 11-21 | 13890/15 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri dwar l-Apolidija | 14511/15 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Ġustizzja-e | 14206/15 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan direzzjonali dwar is-sostenibbiltà tal-e-CODEX | 14208/15 |
| Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2015/2264 tat-3 ta' Diċembru 2015 li jestendi u li jelimina gradwalment il-miżuri derogatorji temporanji tar-Regolament Nru 1 tal-15 ta' April 1958 li jistabbilixxi l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea u tar-Regolament Nru 1 tal-15 ta' April 1958 li jistabbilixxi r-reġim lingwistiku tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika introdotti mir-Regolament (KE) Nru 920/2005<br>ĠU L 322, 8.12.2015, p. 1-3 | 14402/15 |

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**

Il-Kummissjoni hija impenjata li tieħu l-miżuri kollha fil-kompetenza tagħha sabiex tippermetti t-tnaqqis gradwali tad-deroga u l-mixja lejn kopertura lingwistika sħiħa tal-lingwa Irlandiża mill-1 ta' Jannar 2022.

Il-premessa 5 tar-Regolament tal-Kunsill tiddikjara li t-tnaqqis tal-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga għandu jiġi mmonitorjat u rieżaminat mill-qrib, fid-dawl tal-kapaċità' ta' traduzzjoni disponibbli, sabiex jiġi evitat dewmien fil-proċess leġislattiv tal-Unjoni. L-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill jipprevedi li kull reviżjoni tad-dati ta' mira fl-Anness, trid tkun miftiehma mill-Kunsill, li jaġixxi unanimament b'konformità mal-Artikolu 342 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Jekk din l-unanimità ma tkunx tista' tinkiseb, it-tnaqqis tal-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga ser ikompli kif inhu previst fl-Anness, u potenzjalment jirriżulta f'dewmien fil-proċess leġislattiv. Jekk ir-rapport previst fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill juri li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni ma għandhomx biżżejjed kapaċità disponibbli sabiex inaqqsu l-ambitu tad-deroga kif stabbilit fl-Anness ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni ser tistieden lill-Kunsill biex jemenda id-dati ta' mira fl-Anness.

Barra minn hekk, l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill jipprevedi li mhux aktar tard minn Ġunju 2021, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Kunsill dwar jekk l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhomx biżżejjed kapaċità disponibbli sabiex tintemm id-deroga. Jekk ir-rapport juri li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni ma għandhomx biżżejjed kapaċità disponibbli sabiex tintemm id-deroga, il-Kummissjoni ser tistieden lill-Kunsill biex jiddeċiedi fuq estensjoni ulterjuri tad-deroga.

| | |
|---|---|
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġustifikazzjoni tat-teħid ta' immaġni għal skopijiet mediċi li jinvolvi esponiment għal radjazzjoni jonizzanti | 13747/15 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/2249 tat-3 ta' Diċembru 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2014/486/PESK dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine)<br>ĠU L 318, 4.12.2015, p. 38-38 | 13674/15 |

| It-3434 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (IMPJIEGI, POLITIKA SOĊJALI, SAĦĦA), li saret fi Brussell fis-7 ta' Diċembru 2015 | |
|---|---|
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/2265 tas-7 ta' Diċembru 2015 li jiftaħ u jipprevedi l-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti tas-sajd għall-perijodu 2016-2018<br>ĠU L 322, 8.12.2015, p. 4-11 | 13502/15 |
| **Dikjarazzjoni mill-Irlanda**<br>L-Irlanda appoġġat il-proposta tal-Kummissjoni għal dan ir-regolament u l-isforzi tal-Presidenza biex waslet għal ftehim sodisfaċenti għal dan il-fajl fid-dawl tal-opinjonijiet differenti, filwaqt li tirrikonoxxi wkoll li s-settur tal-ipproċessar għandu ħtiġijiet ta’ provvista li jeħtieġu prodotti minn barra l-Unjoni.<br>Madankollu, l-Irlanda mhix f’pożizzjoni li tappoġġa l-kompromess minħabba li fil-fehma tagħna dan mhux ibbilanċjat u, għaldaqstant, ser nastjenu.<br>Fil-fehma tagħna, il-kompromess finali jipprovdi aċċess preferenzjali għall-prodotti importati lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jimtela l-vojt fil-provvista interna tal-UE. Dan ser ikun ta' ħsara għall-produtturi primarji tal-UE u l-industriji anċillari fil-komunitajiet kostali li jiddependu fuq is-sajd. B’mod partikolari ninsabu mħassbin rigward it-tnaqqis fit-tariffa għall-aringi mħawra, li għandu jitqies flimkien mal-aċċess ampju mogħti lin-Norveġja għal dan il-prodott fil-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE, kif ukoll l-introduzzjoni mill-ġdid tal-mekkaniżmu ta' sikurezza tal-Artikolu 3 li fil-fehma tagħna huwa eċċessiv. | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/2276 tas-7 ta' Diċembru 2015 li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2013/233/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri fil-Libja (EUBAM Libya)<br>ĠU L 322, 8.12.2015, p. 51-52 | 13971/15 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta’ negozjati għall-Ftehim ta’ Parteċipazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-parteċipazzjoni tagħha fil-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali) | 14223/15 |

| | |
|---|---|
| Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta’ negozjati għall-Ftehim ta’ Parteċipazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-parteċipazzjoni tagħha fil-Missjoni ta’ Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine) | 14232/15 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/2275 tas-7 ta' Diċembru 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2012/389/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR)<br>ĠU L 322, 8.12.2015, p. 50-50 | 13808/15 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qasam tat-teħid ta' deċiżjonijiet | 14327/15 |
| **Dikjarazzjoni minn Malta**<br>rigward il-paragrafu 21 tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qasam tat-teħid ta’ deċiżjonijiet<br>Fir-rigward ta’ ħidma futura possibbli fil-Kunsill dwar oqsma kritiċi ta’ tħassib taħt il-Pjattaforma ta’ Azzjoni ta’ Beijing, Malta tafferma d-dritt tagħha li topponi l-iżvilupp ta’ indikaturi li jistgħu b’xi mod joħolqu obbligu fuq kwalunkwe parti li tikkunsidra l-abort bħala forma leġittima ta’ saħħa jew drittijiet jew prodotti bażiċi riproduttivi. | |
| **Dikjarazzjoni mill-Polonja**<br>rigward il-paragrafu 32 tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qasam tat-teħid ta’ deċiżjonijiet<br>Fir-rigward ta’ kwalunkwe diskussjoni futura dwar il-pożizzjoni ta’ nisa u rġiel fuq il-listi tal-partiti, b’mod partikolari permezz tal-introduzzjoni ta’ sistema 'zipper', il-Polonja tiddikjara li dawn mhux ser jaffettwaw il-liġi elettorali fil-Polonja. | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Governanza soċjali għal Ewropa inklużiva | 15070/15 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-ekonomija soċjali bħala mutur ewlieni ta’ żvilupp ekonomiku u soċjali fl-Ewropa | 15071/15 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Strateġija tal-UE dwar it-tnaqqis tal-ħsara relatata mal-alkoħol | 15050/15 |

<table>
<tr><td colspan="3">Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Mediċina personalizzata għall-pazjenti</td><td>15054/15</td></tr>
<tr><td colspan="3">Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-appoġġ għall-persuni li jgħixu bid-demenzja: it-titjib tal-politiki u l-prassi tal-kura</td><td>15055/15</td></tr>
<tr><td colspan="3">Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tagħlimiet meħuda għas-Saħħa Pubblika mit-tifqigħa tal-Ebola fl-Afrika tal-Punent – is-Sigurtà tas-Saħħa fl-Unjoni Ewropea</td><td>15056/15</td></tr>
<tr><td colspan="4">It-3435 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI) li saret fi Brussell fit-8 ta' Diċembru 2015</td></tr>
<tr><td colspan="4">ATTI LEĠISLATTIVI</td></tr>
<tr><td>ATT</td><td>DOKUMENT</td><td>REGOLA TA' VOTAZZJONI</td><td>VOTAZZJONI</td></tr>
<tr><td>Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/2376 tat-8 ta' Diċembru 2015 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE fir-rigward tal-iskambju awtomatiku u obbligatorju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni<br>ĠU L 332, 18.12.2015, p. 1-10</td><td>12802/15</td><td>Unanimità</td><td>L-Istati Membri kollha favur</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mir-Repubblika Ċeka<br>Ir-Repubblika Ċeka tikkondividi l-fehma li jinħtieġu soluzzjonijiet f'waqthom għall-erożjoni tal-bażi u t-trasferiment tal-profitt. Madankollu, ir-Repubblika Ċeka tħeġġeġ lill-Kummissjoni tindirizza bl-istess mod il-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT fil-ġejjieni qrib. Il-frodi tal-VAT taffettwa l-baġits tal-Istati Membri saħansitra aktar mill-ippjanar aggressiv fil-qasam tat-taxxa korporattiva. Waqt li taħdem favur sistema definittiva tal-VAT fl-UE, il-Kummissjoni għandha tipproċedi bl-istess saħħa lejn diversi alternattivi, inkluża applikazzjoni usa' tal-mekkaniżmu tar-reverse charge. Ir-Repubblika Ċeka, minn issa, toffri li tkun hi li tittestja din l-għażla rispettiva permezz ta' proġett pilota simili għal dak deskritt mill-Kummissjoni fl-2008. Ir-Repubblika Ċeka tistenna li l-Kummissjoni tistabbilixxi l-parametri għad-definizzjoni tal-proġett pilota. Idealment, il-Kummissjoni għandha toħroġ bil-proposta leġislattiva rispettiva qabel ma tkun ġiet ippubblikata l-Komunikazzjoni dwar id-diversi alternattivi ta' reġim definittiv tal-VAT.</td></tr>
</table>

| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
|---|---|
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Kodiċi ta' Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) | 14303/15 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2453 tat-8 ta' Diċembru 2015 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Prinċipat tal-Liechtenstein li jistabbilixxi miżuri ekwivalenti għal dawk stipulati fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/48/KE dwar tassazzjoni ta' dħul minn tfaddil fil-forma ta' pagamenti ta' imgħax<br>ĠU L 339, 24.12.2015, p. 1–2 | 11800/15 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2400 tat-8 ta' Diċembru 2015 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera li jipprovdi miżuri ekwivalenti għal dawk stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/48/KE dwar it-tassazzjoni fuq id-dħul mit-tfaddil taħt forma ta' ħlas ta' imgħaxijiet<br>ĠU L 333, 19.12.2015, p. 10–11 | 8266/1/15 REV 1 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2469 tat-8 ta' Diċembru 2015 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll Emendatorju għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' San Marino li jistabbilixxi miżuri ekwivalenti għal dawk stipulati fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/48/KE dwar tassazzjoni ta' dħul minn tfaddil fil-forma ta' pagamenti ta' imgħax<br>ĠU L 346, 31.12.2015, p. 1-2 | 13447/15 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2015/2393 tat-8 ta' Diċembru 2015 li temenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill<br>ĠU L 332, 18.12.2015, p. 133–135 | 13612/15 |

| | |
|---|---|
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Wirt is-Sena Ewropea għall-Iżvilupp 2015 | 14540/15 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2394 tat-8 ta' Diċembru 2015 dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed mill-Istati Membri f'isem l-Unjoni Ewropea, fir-rigward tad-deċiżjonijiet li trid tadotta l-Kummissjoni Permanenti tal-Eurocontrol, rigward ir-rwoli u l-kompiti tal-Eurocontrol u dwar is-servizzi ċentralizzati<br>ĠU L 332, 18.12.2015, p. 136–139 | 14678/15 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-futur tal-Kodiċi ta' Kondotta | 14945/15 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-erożjoni tal-bażi u t-trasferiment tal-profitt (BEPS) fil-kuntest tal-UE | 14947/15 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istatistika tal-UE | 15003/15 |

**It-3436 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (TRASPORT, TELEKOMUNIKAZZJONI U ENERĠIJA), li saret fi Brussell fl-10 u l-11 ta' Diċembru 2015**

ATTI LEĠISLATTIVI

| ATT | DOKUMENT | REGOLA TA' VOTAZZJONI | VOTAZZJONI |
|---|---|---|---|
| Pożizzjoni (UE) Nru 1/2016 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb li jiġi adottat Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 881/2004 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE). Adottat mill-Kunsill fl-10 ta' Diċembru 2015<br>ĠU C 56, 12.2.2016, p. 1–47 | 10578/15 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, minbarra:<br>Astensjoni: PL |

| |
|---|
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**<br>dwar il-bord ta' ġestjoni tal-ERA, u dwar il-proċedura tal-għażla u tat-tneħħija tad-direttur eżekuttiv<br><br>Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li, meta mqabbel mal-proposta oriġinali ppreżentata mill-Kummissjoni, it-test maqbul dwar ir-Regolament il-ġdid tal-ERA jiddevja mid-dispożizzjonijiet ewlenin maqbula mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fl-2012 skont l-Approċċ Komuni dwar l-aġenziji deċentralizzati tal-UE. Dan jikkonċerna l-għadd ta' rappreżentanti tal-Kummissjoni fil-Bord ta' Ġestjoni, u l-proċedura tal-għażla u tat-tneħħija tad-direttur eżekuttiv. Il-Kummissjoni tenfasizza b'mod partikulari l-fatt li l-ħatra ta' osservatur fost il-membri tal-Bord ta' Ġestjoni biex isegwi l-proċedura tal-għażla applikata mill-Kummissjoni għall-ħatra tad-direttur eżekuttiv, ma għandux iwassal għal rwoli doppji fil-proċeduri tal-għażla u tal-ħatra (l-Artikolu 51(1)). |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**<br>dwar ir-riżorsi neċessarji tal-baġit<br><br>Ir-raba' pakkett ferrovjarju jagħti lill-ERA kompetenzi ġodda, b'mod partikolari l-poter li toħroġ awtorizzazzjonijiet għall-vetturi u ċertifikati tas-sikurezza direttament lis-settur. Ma jistax ikun eskluż li fil-perjodu ta' transizzjoni, it-tariffi u l-ħlasijiet ikun għadhom mhumiex disponibbli għall-ERA, minkejja li jkun hemm bżonn li jinħatar u jitħarreġ il-persunal. Sabiex jiġi evitat tfixkil fis-suq ferrovjarju, il-Kummissjoni ser taħdem biex tirriżerva l-baġit neċessarju sabiex tkopri l-ispejjeż tal-persunal rilevanti. |
| **Dikjarazzjoni għall-minuti mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja**<br><br>Fir-rigward tal-Artikolu 71(2) tal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 881/2004, il-Ġermanja tfakkar fil-paragrafu 8 tad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-UE u l-Kummissjoni Ewropea dwar l-aġenziji deċentralizzati, li skont dan l-Istat ospitanti għandu jimpenja ruħu li [jkompli] jwieġeb għall-ħtiġijiet tal-aġenzija u jipprovdi l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-funzjonament mingħajr xkiel tal-aġenzija, [anke wara li l-aġenzija tkun ġiet stabbilita]. Il-Ġermanja tqis li hija marbuta b'dan, biex b'hekk il-qbil tagħha mal-formulazzjoni attwali ma jitqiesx bħala preċedent għall-istabbiliment ta' aġenziji (ġodda) fil-futur, u hija titlob lill-Kummissjoni biex tieħu kont ta' dan fil-futur meta tħejji proposti simili.<br><br>Barra minn hekk, il-Ġermanja jiddispjaċiha ferm li hija ma rċevietx biżżejjed appoġġ għal mandat tad-Direttur Eżekuttiv ta' ħames snin flimkien ma' erbgħa oħra. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Pożizzjoni (UE) Nru 2/2016 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-għan li tiġi adottata Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea Test b'relevanza għaż-ŻEE. Adottata mill-Kunsill fl-10 ta' Diċembru 2015<br>ĠU C 57, 12.2.2016, p. 1–58 | 10579/15 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, minbarra:<br>Astensjoni: PL |

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**
dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni

Il-Kummissjoni tfakkar li l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni rrikonoxxew fid-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tagħhom tas-27 ta' Ottubru 2011 dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni, li l-informazzjoni li l-Istati Membri jagħtu lill-Kummissjoni rigward it-traspożizzjoni tad-direttivi fil-liġi nazzjonali 'għandha tkun ċara u preċiża' sabiex tiffaċilita l-kisba tal-inkarigu tal-Kummissjoni li tissorvelja l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni. Fil-każ preżenti, id-dokumenti ta' spjegazzjoni setgħu kienu utli għal dan il-għan. Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li t-test finali ma jinkludix dispożizzjonijiet dwar dan.

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**
dwar il-klawsola ta' nuqqas ta' opinjoni

Il-Kummissjoni tisħaq li huwa kontra l-kliem u t-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13) li wieħed jinvoka l-Artikolu 5(4)(2)(b) b'mod sistematiku. Ir-rikors għal din id-dispożizzjoni għandu jsir f'każ ta' ħtieġa speċifika li wieħed jiddevja mir-regola ta' prinċipju, li hija li l-Kummissjoni tista' tadotta abbozz ta' att ta' implimentazzjoni meta ma tingħata l-ebda opinjoni. Minħabba li huwa eċċezzjoni għar-regola ġenerali stabbilita mill-Artikolu 5(4), ir-rikors għall-punt (b) tas-subparagrafu 2 ma jistax jidher sempliċiment bħala "setgħa diskrezzjonali" tal-Leġislatur, iżda għandu jiġi interpretat b'mod restrittiv u għaldaqstant għandu jiġi ġġustifikat.

<table>
<tr><td>Pożizzjoni (UE) Nru 3/2016 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sikurezza ferrovjarja<br>Test b'rilevanza għaż-ŻEE. Adottata mill-Kunsill fl-10 ta' Diċembru 2015<br>ĠU C 57, 12.2.2016, p. 64-112</td><td>10580/15</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur, minbarra:<br>Kontra: UK<br>Astensjoni: PL</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni<br>dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni<br><br>Il-Kummissjoni tfakkar li l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni rrikonoxxew fid-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tagħhom tas-27 ta' Ottubru 2011 dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni, li l-informazzjoni li l-Istati Membri jagħtu lill-Kummissjoni rigward it-traspożizzjoni tad-direttivi fil-liġi nazzjonali 'għandha tkun ċara u preċiża' sabiex tiffaċilita l-kisba tal-inkarigu tal-Kummissjoni li tissorvelja l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni. Fil-każ preżenti, id-dokumenti ta' spjegazzjoni setgħu kienu utli għal dan il-għan. Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li t-test finali ma jinkludix dispożizzjonijiet dwar dan.</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni<br>dwar il-klawsola ta' nuqqas ta' opinjoni<br><br>Il-Kummissjoni tisħaq li huwa kontra l-kliem u t-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13) li wieħed jinvoka l-Artikolu 5(4)(2)(b) b'mod sistematiku. Ir-rikors għal din id-dispożizzjoni għandu jsir f'każ ta' ħtieġa speċifika li wieħed jiddevja mir-regola ta' prinċipju, li hija li l-Kummissjoni tista' tadotta abbozz ta' att ta' implimentazzjoni meta ma tingħata l-ebda opinjoni. Minħabba li huwa eċċezzjoni għar-regola ġenerali stabbilita mill-Artikolu 5(4), ir-rikors għall-punt (b) tas-subparagrafu 2 ma jistax jidher sempliċiment bħala "setgħa diskrezzjonali" tal-Leġislatur, iżda għandu jiġi interpretat b'mod restrittiv u għaldaqstant għandu jiġi ġġustifikat.</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mir-Renju Unit<br><br>Ir-Renju Unit jappoġġa b'mod sħiħ l-għanijiet u l-objettivi tal-Pilastru Tekniku tar-Raba' Pakkett Ferrovjarju u jemmen li sar progress sinifikanti bil-qbil dwar sett ta' testi koeżivi u koerenti.<br><br>Madankollu, ir-Renju Unit jiddispjaċih li l-adozzjoni finali permezz ta' att delegat ta' kontenut tekniku b'rabta mal-Metodi Komuni ta' Sikurezza u l-Miri Komuni tas-Sikurezza fir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Ferrovjarja tistabbilixxi preċedent legali mhux mixtieq u tippolitiċizza bla bżonn materji tekniċi ewlenin. Konsegwentement, ir-Renju Unit qiegħed jivvota kontra r-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Ferrovjarja.</td></tr>
</table>

| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
|---|---|
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 04/2015 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat: L-assistenza teknika: x'kontribut tat għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali? | 13480/15 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 05/2015 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat: "L-istrumenti finanzjarji huma għodda ta' suċċess u promettenti fil-qasam tal-iżvilupp rurali?" | 13482/15 |
| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2428 tal-10 ta' Diċembru 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2009/791/KE u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2009/1013/UE li jawtorizzaw lill-Ġermanja u lill-Awstrija rispettivament ikomplu japplikaw miżura ta' deroga mill-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud<br>ĠU L 334, 22.12.2015, p. 12–14 | 14253/15 |
| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2429 tal-10 ta' Diċembru 2015 li tawtorizza lil-Latvja biex iddaħħal miżura speċjali ta' deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 26(1) u l-Artikoli 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud<br>ĠU L 334, 22.12.2015, p. 15–17 | 14254/15 |
| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2348 tal-10 ta' Diċembru 2015 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/53/UE li tawtorizza lir-Renju tal-Belġju biex jintroduċi miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud<br>ĠU L 330, 16.12.2015, p. 51–52 | 14255/15 |
| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2349 tal-10 ta' Diċembru 2015 li tawtorizza lill-Ungerija biex tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud<br>ĠU L 330, 16.12.2015, p. 53–54 | 14256/15 |

| | |
|---|---|
| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2395 tal-10 ta' Diċembru 2015 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2010/99/UE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Litwanja biex testendi l-applikazzjoni ta' miżura ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud<br>ĠU L 332, 18.12.2015, p. 140–141 | 14257/15 |
| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2396 tal-10 ta' Diċembru 2015 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2009/1008/UE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Latvja biex testendi l-applikazzjoni ta' miżura ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud<br>ĠU L 332, 18.12.2015, p. 142-143 | 14258/15 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2354 tal-10 ta' Diċembru 2015 li tawtorizza lil ċerti Stati Membri li jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tas-Seychelles mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri<br>ĠU L 331, 17.12.2015, p. 11–13 | 12103/15 |
| **Dikjarazzjoni mid-delegazzjonijiet tal-Belġju, il-Ġermanja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Awstrija u l-Polonja**<br>Meta l-Unjoni Ewropea tadotta atti leġislattivi interni u, abbażi ta' dan, teżerċita kompetenza esterna esklużiva, l-Istati Membri marbutin b'dawk l-atti leġislattivi jieħdu sehem fl-atti li l-Unjoni tadotta bħala parti minn din il-kompetenza esterna.<br>Fil-kuntest ta' din id-deċiżjoni, l-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea marbutin bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 jieħdu sehem konsegwentement fl-adozzjoni tad-Deċiżjoni li tawtorizza lil ċerti Stati Membri jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tas-Seychelles mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri. | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2355 tal-10 ta' Diċembru 2015 li tawtorizza lil ċerti Stati Membri li jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tal-Federazzjoni Russa mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri<br>ĠU L 331, 17.12.2015, p. 14–16 | 12104/15 |

| | |
|---|---|
| **Dikjarazzjoni mid-delegazzjonijiet tal-Belġju, il-Ġermanja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Awstrija u l-Polonja**<br>Meta l-Unjoni Ewropea tadotta atti leġislattivi interni u, abbażi ta' dawn, teżerċita kompetenza esterna esklużiva, l-Istati Membri marbutin b'dawk l-atti leġislattivi jieħdu sehem fl-atti li l-Unjoni tadotta bħala parti minn din il-kompetenza esterna.<br>Fil-kuntest ta' din id-deċiżjoni, l-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea marbutin bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 jieħdu sehem konsegwentement fl-adozzjoni tad-Deċiżjoni li tawtorizza lil ċerti Stati Membri jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tal-Albanija mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri. | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2356 tal-10 ta' Diċembru 2015 li tawtorizza lil ċerti Stati Membri li jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tal-Albanija mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri<br>ĠU L 331, 17.12.2015, p. 17–19 | 12105/15 |
| **Dikjarazzjoni mid-delegazzjonijiet tal-Belġju, il-Ġermanja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Awstrija u l-Polonja**<br>Meta l-Unjoni Ewropea tadotta atti leġislattivi interni u, abbażi ta' dawn, teżerċita kompetenza esterna esklużiva, l-Istati Membri marbutin b'dawk l-atti leġislattivi jieħdu sehem fl-atti li l-Unjoni tadotta bħala parti minn din il-kompetenza esterna.<br>Fil-kuntest ta' din id-deċiżjoni, l-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea marbutin bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 jieħdu sehem konsegwentement fl-adozzjoni tad-Deċiżjoni li tawtorizza lil ċerti Stati Membri jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tal-Albanija mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri. | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2357 tal-10 ta' Diċembru 2015 li tawtorizza lil ċerti Stati Membri li jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tal-Marokk mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri<br>ĠU L 331, 17.12.2015, p. 20–22 | 12106/15 |

| | |
|---|---|
| **Dikjarazzjoni mid-delegazzjonijiet tal-Belġju, il-Ġermanja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Awstrija u l-Polonja**<br><br>Meta l-Unjoni Ewropea tadotta atti leġislattivi interni u, abbażi ta' dawn, teżerċita kompetenza esterna esklużiva, l-Istati Membri marbutin b'dawk l-atti leġislattivi jieħdu sehem fl-atti li l-Unjoni tadotta bħala parti minn din il-kompetenza esterna.<br><br>Fil-kuntest ta' din id-deċiżjoni, l-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea marbutin bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 jieħdu sehem konsegwentement fl-adozzjoni tad-Deċiżjoni li tawtorizza lil ċerti Stati Membri jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tal-Marokk mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri. | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2358 tal-10 ta' Diċembru 2015 li tawtorizza lil ċerti Stati Membri li jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tal-Armenja mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri<br>ĠU L 331, 17.12.2015, p. 23–25 | 12107/15 |
| **Dikjarazzjoni mid-delegazzjonijiet tal-Belġju, il-Ġermanja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Awstrija u l-Polonja**<br><br>Meta l-Unjoni Ewropea tadotta atti leġislattivi interni u, abbażi ta' dawn, teżerċita kompetenza esterna esklużiva, l-Istati Membri marbutin b'dawk l-atti leġislattivi jieħdu sehem fl-atti li l-Unjoni tadotta bħala parti minn din il-kompetenza esterna.<br><br>Fil-kuntest ta' din id-deċiżjoni, l-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea marbutin bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2001/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 jieħdu sehem konsegwentement fl-adozzjoni tad-Deċiżjoni li tawtorizza lil ċerti Stati Membri jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tal-Armenja mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri. | |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-proċess ta' tħejjija għas-Summit Umanitarju Dinji | 14611/15 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2443 tal-11 ta' Diċembru 2015 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit permezz tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, fuq in-naħa l-oħra, rigward it-Titolu V ta' dak il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni<br>ĠU L 336, 23.12.2015, p. 56–58 | 14418/15 |

| | |
|---|---|
| Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/2309 tal-10 ta' Diċembru 2015 dwar il-promozzjoni ta' kontrolli effettivi fuq l-esportazzjoni tal-armi<br>ĠU L 326, 11.12.2015, p. 56–63 | 13472/15 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill 2015/2310/PESK tal-10 ta' Diċembru 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2013/189/PESK li tistabbilixxi Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża<br>ĠU L 326, 11.12.2015, p. 64–64 | 13859/15 |

**It-3437laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA U SAJD) li saret Brussell fl-14 u l-15 ta' Diċembru 2015**

ATTI LEĠISLATTIVI

| ATT | DOKUMENT | REGOLA TA' VOTAZZJONI | VOTAZZJONI |
|---|---|---|---|
| Pożizzjoni (UE) Nru 4/2016 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb li jiġi adottat Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali (‘Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali’). Test b’rilevanza għaż-ŻEE Adottat mill-Kunsill fl-14 ta’ Diċembru 2015<br>ĠU C 86, 4.3.2016, p. 1–211 | 11779/15 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, minbarra:<br>Kontra: AT, UK<br>Astensjoni: SI |

| **Dikjarazzjoni mill-Awstrija** |
| --- |
| B'rabta mal-Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2015/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ('il-Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali'), l-Awstrija tixtieq tiġbed l-attenzjoni għall-punti mniżżlin hawn taħt.<br><br>Il-mard elenkat skont l-Artikolu 5 tar-Regolament huwa, fil-fehma tal-Awstrija, l-element ewlieni tar-Regolament, peress li r-regoli speċifiċi għall-prevenzjoni u l-kontroll previsti f'dan ir-Regolament ser japplikaw għal dan il-mard. L-Awstrija jiddispjaċiha ferm li f'din il-kwistjoni la l-approċċ meħud fil-każ tar-Regolament (UE) Nru 652/2014 ("ir-Regolament Finanzjarju") u lanqas tneħħija ta' mard mil-lista msemmija permezz tal-proċedura ta' kodeċiżjoni biss ma huma ser japplikaw.<br><br>L-Awstrija hija mħassba li permezz tal-proċedura magħżula ċertu mard, li għalih ilhom previsti garanziji addizzjonali fil-leġislazzjoni tal-UE għal għexieren ta' snin , jista' jitħalla barra. Biex jintlaħaq status ta' saħħa tal-annimali partikolari, l-Istati Membri ikollhom jonfqu ħafna flus u jiddedikaw ħafna ħin. Mhux xieraq li issa, minħabba bidla fil-leġislazzjoni bil-għan ta' livell kemm jista' jkun uniformi fl-Unjoni, forsi jintilef l-istatus li jkun inkiseb. L-Awstrija tappoġġa l-idea ta' livell simili tas-saħħa tal-annimali, iżda dan ma għandux jinkiseb billi l-livell jitbaxxa. Jekk bis-sistema l-ġdida l-istatus tas-saħħa tal-annimali fl-UE jmur għall-agħar minflok għall-inqas jinżamm kif inhu jew saħansitra jittejjeb, dan ser ikollu wkoll effett negattiv fuq l-opinjoni pubblika.<br><br>L-Awstrija għaldaqstant ser tivvota kontra l-Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2015/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ('il-Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali'). |
| **Dikjarazzjoni mir-Renju Unit**<br><br>Ir-Renju Unit jixtieq jirringrazzja lill-Presidenza u l-Presidenzi tal-passat għall-ħidma iebsa u d-determinazzjoni tagħhom biex iwasslu r-Regolament dwar is-Saħħa tal-Annimali fl-istadju finali. Ir-Renju Unit jixtieq isemmi b'mod speċjali l-flessibilità fil-ġestjoni xierqa tat-theddid tal-mard u l-enfasi fuq il-prevenzjoni tal-mard kif ukoll il-kura previsti fir-Regolament, ilkoll mirfuda minn approċċ ibbażat fuq ir-riskju li r-Renju Unit jilqa' b'interess kbir. Il-protezzjoni tal-pajjiżi individwali tagħna u tal-Unjoni minn mard tal-annimali hija prijorita ewlenija għalina lkoll u dan ir-Regolament jikkontribwixxi ħafna biex jiżgura dan l-għan u jissimplifika kif naslu għalih. Għaldaqstant ir-Renju Unit jiddispjaċih li ma jistax jappoġġa r-Regolament, speċifikament minħabba oqsma fejn ser jiġu użati Atti Delegati biex jiddefinixxu d-dettal tekniku bħal-lista ta' mard li għalih japplika r-Regolament. Għal dawn ir-raġunijiet, ir-Renju Unit JOPPONI ir-Regolament. |

**Dikjarazzjoni mis-Slovenja**

Filwaqt li taqbel mal-maġġoranza tad-dispożizzjonijiet fir-Regolament il-ġdid dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali (Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali), is-Slovenja tilqa' b'sodisfazzjon il-modernizzazzjoni tal-leġislazzjoni fil-qasam tas-saħħa tal-annimali u tixtieq tirringrazzja u tifraħ lil kull min kien involut fil-konklużjoni tal-proċess leġislattiv. Il-Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali sejra bla dubbju tiċċara aktar is-sistema tal-UE ta' prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' mard trasmissibbli.

Madanakollu, is-Slovenja hija tal-opinjoni li r-regolament il-ġdid li jkopri s-saħħa tal-annimali għandu jippromwovi wkoll approċċ ġdid u mtejjeb għall-elenkar ta' mard trasmissibbli li għandu jkun il-proprju essenza tad-dokument u fil-fatt ir-raġuni għala għandna nidħlu għal dan il-kompitu immens li nimmodernizzaw din il-leġislazzjoni tant importanti. Fl-opinjoni tagħna l-proposta finali ma tirriflettix dawn l-ideat.

L-elenku l-ġdid tal-mard ser iservi bħala l-bażi għal aktar kategorizzazzjoni ta' mard u għalhekk għandu jkun aġġornat. Il-proposta finali fiha l-elenku li ġie traspost mir-Regolament il-ġdid dwar il-Qafas Finanzjarju Komuni (Reg. 652/2014). Sfortunatament, dan l-elenku jinkludi biss mard rilevanti għal intervent finanzjarju mill-UE u għaldaqstant għadd ta' mardiet trasmissibbli li bħalissa huma rregolati u li għandhom impatt fuq il-kummerċ u l-ġestjoni tas-saħħa tal-annimali (eż. EGL, AD, IBR) mhumiex inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Liġi l-ġdida dwar is-Saħħa tal-Annimali. Barra minn hekk, il-lista ma kinitx ġiet aġġornata meta ġie adottat ir-Regolament dwar il-Qafas Finanzjarju Komuni. Għaldaqstant tinkludi mard li tneħħa mill-elenku tal-OIE snin ilu (jiġifieri l-marda ta' Teschen) u mard li hu maħsub li ġie eradikat kompletament (jiġifieri r-Rinderpest).

Barra minn hekk, is-Slovenja hija inkwetata dwar il-proċedura prevista għall-aġġornament tal-lista msemmija ta' mard. Matul id-diskussjonijiet, il-pożizzjoni tas-Slovenja kienet li l-istrument legali għall-aġġornament tal-lista għandu jkun att ta' implimentazzjoni aktar milli att delegat.

Għalkemm is-Slovenja tilqa' b'sodisfazzjon il-kunċett ġenerali tal-Liġi l-ġdida dwar is-Saħħa tal-Annimali, is-Slovenja ser TASTJENI milli tivvota fuq il-proposta għal Regolament dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali (Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali) għar-raġunijiet imsemmijin hawn fuq.

**Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kumissjoni**
dwar ir-reżistenza antimikrobika

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Action plan against the rising threats from Antimicrobial Resistance (Pjan ta' azzjoni kontra t-theddidiet li qed jiżdiedu mir-Reżistenza għall-Antimikrobiċi) – tenfasizza r-rwol preventiv tar-Regolament dwar il-mard tal-annimali li jittieħed (‘Il-Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali’) u t-tnaqqis konsegwenti mistenni tal-użu tal-antibijotiċi fl-annimali. Minbarra r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri huma msejħa jimpenjaw rwieħhom li jiġbru data rilevanti, komparabbli u li tkun dettaljata biżżejjed dwar l-użu attwali ta' prodotti mediċinali antimikrobiċi fl-annimali u li jibagħtu din id-data lill-Kummissjoni biex jiġi żgurat użu aktar prudenti ta' prodotti mediċinali antimikrobiċi fl-annimali, u b'hekk jingħata kontribut lejn it-tnaqqis tar-riskju ta' reżistenza kontra l-antimikrobiċi.

<table>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni<br>dwar ir-reżistenza antimikrobika<br><br>Il-Kummissjoni timpenja ruħha li tippubblika rapport regolari dwar l-użu ta’ prodotti mediċinali antimikrobiċi fl-annimali fl-UE abbażi tad-data magħmula disponibbli mill-Istati Membri.</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni<br>dwar it-trattament xieraq tal-annimali<br><br>Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' mard tal-annimali li jittieħed f'annimali oħra jew fil-bniedem u ma fihx dispożizzjonijiet li speċifikament jirregolaw it-trattament xieraq tal-annimali, anki jekk hemm rabta bejn is-saħħa tal-annimali u t-trattament xieraq tal-istess annimali. L-Unjoni għandha acquis żviluppat sew fir-rigward tat-trattament xieraq tal-annimali, li jkopri speċijiet differenti (tiġieġ tas-simna, tiġieġ tal-bajd, ħnieżer, għoġġiela), u attivitajiet differenti (it-trobbija, it-trasport, il-qatla, ir-riċerka, eċċ.). Naturalment, din il-leġiżlazzjoni dwar it-trattament xieraq tal-annimali ser tibqa' tapplika. Il-Kummissjoni hija impenjata li tirrispetta b'mod sħiħ it-trattament xieraq tal-annimali, f'konformità mal-Artikolu 13 tat-Trattat u fil-limiti stabbiliti fih, inkluż l-iżgurar tal-implimentazzjoni sħiħa u l-iżvilupp xieraq ta' din il-leġislazzjoni.</td></tr>
<tr><td>Direttiva (UE) 2016/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-<br>20 ta’ Jannar 2016 dwar id-distribuzzjoni tal-assigurazzjoni (riformulazzjoni).<br>Test b’rilevanza għaż-ŻEE<br>ĠU L 26, 2.2.2016, p. 19–59</td><td>49/15</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur</td></tr>
<tr><td colspan="4">Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni<br><br>Il-formulazzjoni tat-tieni sentenza tal-premessa 69 tat-test mhijiex kompletament konformi mal-Fehim Komuni dwar l-Atti Delegati, minħabba li tirreferi għall-ħtieġa għal kuntatti xierqa mal-Parlament u mal-Kunsill qabel l-adozzjoni tal-att delegat.<br><br>Fil-kuntest ta' kompromess ġenerali, il-Kummissjoni madankollu tista' taċċetta din il-formulazzjoni minħabba li ġeneralment taderixxi mal-Fehim Komuni li aħna obbligati nirrispettaw. Il-Kummissjoni tqis li t-trasparenza fit-tħejjija tal-atti delegati hija ta' importanza kbira. Il-Kummissjoni ser tkompli taġixxi f'konformità mal-Fehim Komuni u b'mod partikolari d-Dikjarazzjoni 39 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tas-servizzi finanzjarji.</td></tr>
</table>

| | | | |
|---|---|---|---|
| Direttiva (UE) 2016/93 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Jannar 2016 li tħassar ċerti atti mill-acquis ta' Schengen<br>ĠU L 26, 2.2.2016, p. 1–5 | 54/15 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, minbarra:<br>Ma jipparteċipawx: DK, IE, UK |
| Regolament (UE) 2016/94 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Jannar 2016 li jħassar ċerti atti mill-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali<br>ĠU L 26, 2.2.2016, p. 6-8 | 55/15 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, minbarra:<br>Ma jipparteċipawx: DK, UK |
| Regolament (UE) 2016/95 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Jannar 2016 li jħassar ċerti atti fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali<br>ĠU L 26, 2.2.2016, p. 9–12 | 56/15 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, minbarra:<br>Ma jipparteċipawx: DK |

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
|---|---|
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2437 tal-14 ta' Diċembru 2015 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar (CCSBT) li jikkonċerna l-istatus ta' Membru tal-Unjoni bħala Membru fil-Kummissjoni Estiża tal-Konvenzjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar<br>ĠU L 336, 23.12.2015, p. 27–28 | 7134/15 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tal-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha tal-Memorandum ta' Qbil dwar il-Konservazzjoni tal-Klieb il-Baħar Migratorji (MtQ dwar il-Klieb il-Baħar)<br>It-tieni Laqgħa tal-Firmatarji (MoS2), 15-19 ta' Frar 2016, San José, Costa Rica | 14711/15 |

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**

Il-Kummissjoni tfakkar li minħabba li l-għan u l-iskop ewlenin tal-Memorandum ta' Qbil dwar il-konservazzjoni tal-klieb il-baħar migratorji huwa li jindirizza l-konservazzjoni tal-ispeċijiet tal-klieb il-baħar bħala riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, dan l-istrument jaqa' kompletament taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Għalkemm dan l-istrument mhuwiex legalment vinkolanti, l-Istati Membri ma jistgħux jimpenjaw ruħhom b'mod politiku f'dan il-qasam minħabba l-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Din tinkludi wkoll azzjoni maħsuba biex tindirizza l-funzjonament tal-istrument inkwistjoni.

Għaldaqstant, deċiżjoni tal-Kunsill li tapprova pożizzjoni li ser tiġi ppreżentata f'isem l-"Unjoni u l-Istati Membri tagħha" ma tirrispettax il-kompetenza esklużiva tal-UE fil-qasam tal-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar kif iddefinit fl-Artikolu 3(1)(d) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Barra minn hekk deċiżjoni tal-Kunsill li tippermetti lill-Istati Membri jivvutaw fil-Laqgħa tal-Firmatarji mhux talli ma tirrispettax il-kompetenza esklużiva tal-UE, iżda talli tmur kontra l-prerogattiva tal-Kummissjoni li tirrappreżenta lill-UE esternament, inkluż permezz ta' votazzjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 17 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Minbarra dan, deċiżjoni tal-Kunsill li tipprevedi li t-teħid ta' deċiżjonijiet għandu jsir b'konsensus ma tirrispettax il-prinċipju li t-teħid tad-deċiżjonijiet fl-Unjoni jrid isir b'maġġoranza kwalifikata.

Għalhekk il-Kummissjoni tirriżerva d-drittijiet tagħha li tirrikorri għal rimedji legali.

| | |
|---|---|
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru | 12911/15 |
| Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru | 14378/15 |

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**

l-Kummissjoni tieħu nota li ntlaħaq ftehim fil-Kunsill dwar l-Artikolu 2 tal-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill.

Il-Kummissjoni tfakkar fil-fehmiet tagħha li l-firma ta' ftehim internazzjonali huwa att ta' rappreżentanza esterna tal-Unjoni, li l-Kummissjoni hija fdata li tagħmel skont l-Artikolu 17(1) TUE.

| | |
|---|---|
| Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2015/2448 tal-14 ta' Diċembru 2015 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1388/2013 li jiftaħ u jipprovdi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti agrikoli u industrijali<br>ĠU L 345, 30.12.2015, p. 1-10 | 14504/15 |
| Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2015/2449 tal-14 ta' Diċembru 2015 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1387/2013 li jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq ċerti prodotti agrikoli u industrijali<br>ĠU L 345, 30.12.2015, p. 11-213 | 14602/15 |
| Deċiżjoni (UE) 2015/2457 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (applikazzjoni mill-Finlandja - EGF/2015/005 FI/Kompjuter Programming)<br>ĠU L 339, 24.12.2015, p. 44–45 | 14310/15 |
| Deċiżjoni (UE) 2015/2458 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (applikazzjoni mill-Irlanda - EGF/2015/006 IE/PWA International)<br>ĠU L 339, 24.12.2015, p. 46–47 | 14339/15 |
| **It-3438 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET BARRANIN) li saret fi Brussell fl-14 ta' Diċembru 2015** | |
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rapport speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Nru 14/2015 dwar "Il-Faċilità ta' Investiment tal-AKP: tipprovdi valur miżjud?” | 14998/15 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Annwali tal-2015 dwar il-politiki ta' żvilupp u għajnuna esterna tal-Unjoni Ewropea u l-implimentazzjoni tagħhom fl-2014 | 14960/15 |

| | |
|---|---|
| Pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea għat-tlettax-il laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni (Brussell, 14 ta’ Diċembru 2015) | 14906/15 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Nru 09/2015 dwar "Appoġġ mill-UE għall-ġlieda kontra t-tortura u l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt” | 14638/15 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat | 15011/15 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/2336 tal-14 ta' Diċembru 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2010/279/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fl-Afganistan (EUPOL AFGHANISTAN)<br>ĠU L 329, 15.12.2015, p. 16–16 | 14297/15 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Iraq | 15016/15 |
| **It-3441 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AMBJENT), li saret fi Brussell fis-16 ta' Diċembru 2015** | |
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2015 tal-applikazzjoni tal-acquis ta’ Schengen fil-qasam tar-Ritorn | 15046/15 |
| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/2359 tas-16 ta' Diċembru 2015 li timplimenta d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja<br>ĠU L 331, 17.12.2015, p. 26-27 | 14162/15 |
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 2015/2350 tas-16 ta' Diċembru 20 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja<br>ĠU L 331, 17.12.2015, p. 1-2 | 14171/15 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rieżami ta' Nofs il-Mandat dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità sal-2020 | 15389/15 |

| Proċedura bil-miktub konkluża fil-21 ta' Diċembru 2015 | |
|---|---|
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/2430 tal-21 ta' Diċembru 2015 li taġġorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2015/1334<br>ĠU L 334, 22.12.2015, p. 18–21 | 14236/15 |
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/2425 tal-21 ta' Diċembru 2015 li jimplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu, u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1325<br>ĠU L 334, 22.12.2015, p. 1–4 | 14238/15 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/2431 tal-21 ta' Diċembru 2015 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna<br>ĠU L 334, 22.12.2015, p. 22–22 | 15022/15 |
| **Proċedura bil-miktub konkluża fit-23 ta' Diċembru 2015** | |
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/2459 tat-23 ta' Diċembru 2015 li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/798/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Ċentru-Afrikana<br>ĠU L 339, 24.12.2015, p. 48–51 | 15426/15 |
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 2015/2454 tat-23 ta' Diċembru 20 li jimplimenta l-Artikolu 17(1) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 224/2014 dwar miżuri restrittivi minħabba s-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana<br>ĠU L 339, 24.12.2015, p. 36-39 | 15427/15 |